MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 534/2004

**Malta International Airport plc (C 12663)**

**Vs**

**Mexico Garage Rent-A-Car Company Limited (C 5002)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' elf tmien mija tnejn u sebghin lira u sebghin centezmu (Lm1.872.70c) rapprezentanti ammont dovut bhala arretrati ta' kera u interessi naxxenti minn kuntratt datat 1 April 2000 anness bhala dok A, kif jidher minn statement of account anness mal-avviz bhala dokument B.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, u bl-interessi sa mid-data ta' meta l-ammont sar dovut, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess avviz u markati Dok A u Dok B (fol 2 sa fol 13 tal-atti).

Rat in-nota tas-socjeta attrici, presentata illum stess 'seduta stante' u li biha is-socjeta attrici rriduciet it-talba in esami bl-ammont ta' Lm900 (ara ukoll il-verbal tas-seduta tallum stess).

Rat in-nota tas-socjeta konvenut, presentata illum stess 'seduta stante' u li biha l-istess socjeta konvenuta ammettiet t-talba attrici kif ridotta.

Rat l-imsemmi Dok 'B' ma tantx hu legibbli in rigward id-dati hemm imnizzlin u dan sabiex tara minn meta ghandhom jiddekorru l-imghaxijiet.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici, kif ridotta u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' Lm972.70,0 bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali msemmija fl-avviz sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-istess ittra ufficjali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------